32002D0050

L 10/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 12.1.2002

**ID-DEĊIŻJONI Nru 50/2002/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**
**tas-7 ta' Diċembru 2001**
**li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja sabiex jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jikkumbattu l-esklużjoni**

Il-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari it-tieni u t-tielet subparagrafi ta' Artikolu 137(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([3])

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 251 tat-Trattat ([4]), fid-dawl tat-test konġunt approvat mill-Kumitat tal-Konċiljazzjoni fit-18 ta' Settembru 2001,

Billi:

(1) Skond Artikolu 2 tat-Trattat, il-Komunità għandu jkollha bħala parti mill-kompiti tagħha dak li tippromwovi livell għoli ta' l-impjiegi u tal-protezzjoni soċjali u dak li tgħolli l-livell tal-ħajja u l-kwalità tal-ħajja ġewwa l-Komunità kollha u l-koeżjoni ekonomika u soċjali.

(2) Skond Artikolu 136 tat-Trattat, il-Komunità u l-Istati Membri, filwaqt li jinnotaw il-prinċipji fundamentali politiċi, bħalma huma dawk iddikjarati fil-Karta Ewropea Soċjali ffirmata f'Turin fit-18 ta' Ottubru 1961, fil-Karta Soċjali reveduta tal-Kunsill ta' l-Ewropa (1996), b'mod partikolari Artikolu 30 tagħha dwar il-protezzjoni mill-faqar u mill-esklużjoni soċjali, u fil-Karta Komunitarja tad-Drittijiet Fundamentali Soċjali tal-Ħaddiema (1989), u filwaqt li jżommu f'moħħhom ukoll id-drittijiet u l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea ([5]) ipproklamati konġuntament mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2000, għandu jkollhom bħala l-għan tagħhom li jikkumbattu l-esklużjoni.

([1]) ĠU Ċ 337 E, tat-28.11.2000, p. 130 u ĠU Ċ 96 E, tas-27.03.2001, p. 229.
([2]) ĠU Ċ 14, tas-16.01.2001, p. 69.
([3]) ĠU Ċ 144, tas-16.05.2001, p. 52.
([4]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Novembru 2000 (ĠU Ċ 223, tat-8.8.2001, p. 284), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2001 (ĠU Ċ 93, tat-23.3.2001, p. 11) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Mejju 2001, id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Novembru 2001 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2001.
([5]) ĠU Ċ 364, tat-18.12.2000, p. 1.

(3) Fir-Rakkommandazzjoni tiegħu 92/441/KEE ([6]) il-Kunsill jirrakkommanda illi l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu d-dritt bażiku ta' persuna għal riżorsi biżżejjed u għall-assistenza soċjali sabiex tgħix f'manjiera kompatibbli mad-dinjità umana. Fir-Rakkommandazzjoni 92/442/KEE ([7]), il-Kunsill jirrakkommanda illi l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu livell ta' riżorsi li jixirqu d-dinjità umana. Fil-Konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Diċembru 1999 ([8]), il-Kunsill jimpenja ruħu li jippromwovi l-inklużjoni soċjali bħala waħda mill-għanijiet tal-modernizzazzjoni u tat-titjib tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali.

(4) Il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni lkoll insistew fuq il-Komunità li ssaħħaħ il-kontribuzzjoni tagħha għal sforzi fl-Istati Membri sabiex jipprevjenu u jikkumbattu l-esklużjoni soċjali.

(5) Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-1 ta' Marzu 2000, "Nibnu Ewropa Inklussiva", iddeskriviet l-isfida ta' l-esklużjoni soċjali u tal-faqar u t-tweġibiet eżistenti tal-politika fil-livell ta' l-Istati Membri u tal-Komunità, u pproponiet fuq dan il-bażi illi tagħti impuls ġdid lill-kooperzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam.

(6) Il-Kunsill Ewropew ta' Lisbona tat-23 u l-24 ta' Marzu 2000 inkorpora bħala intrinsiku għall-istrateġija ġenerali ta' l-Unjoni l-promozzjoni ta' l-inklużjoni soċjali sabiex tikseb l-għan strateġiku tagħha għad-deċennju li ġej li ssir l-iktar ekonomija kompetittiva u dinamika msejsa fuq l-għerf fid-dinja, kapaċi għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli, b'xogħol iktar u aħjar u koeżjoni soċjali ikbar.

(7) Il-Kunsill Ewropew ta' Lisbona msemmi, filwaqt li jqis mhux aċċettabbli n-numru tan-nies li jgħixu taħt il-linja tal-faqar u fl-esklużjoni soċjali fl-Unjoni, ħass meħtieġ li

([6]) ĠU L 245, tas-26.8.1992, p. 46.
([7]) ĠU L 245, tas-26.8.1992, p. 49.
([8]) ĠU Ċ 8, tat-12.1.2000, p. 7.

jieħu l-passi meħtieġa sabiex jagħmel impatt deċisiv fuq l-eradikazzjoni tal-faqar billi jiffissa għanijiet adegwati. Dawn l-għanijiet ġew miftiehma fil-Kunsill Ewropew ta' Nizza tas-7, it-8 u d-9 ta' Diċembru 2000.

(8) Iktar minn hekk, il-Kunsill ta' Lisbona msemmi rrikonoxxa illi s-soċjetà l-ġdida msejsa fuq l-għerf toffri l-potenzjal għalbiex titnaqqas l-esklużjoni soċjali, kemm bil-ħolqien tal-kondizzjonijiet ekonomiċi għal iktar prosperità permezz ta' livelli ogħla ta' tkabbir u xogħol u kemm billi jiftaħ toroq ġodda ta' parteċipazzjoni fis-soċjetà. Fl-istess waqt, dan joħloq riskju ta' qasma dejjem titwessa' iktar bejn dawk li għandhom l-aċċess għall-għerf il-ġdid u dawk li huma esklużi minnu. Il-Kunsill għaraf illi l-politiki għandhom jiġu diretti lejn kif jiġi evitat dan ir-riskju u kif jiġi mmassimizzat dan il-potenzjal il-ġdid u li l-aħjar salvagwardja kontra l-esklużjoni soċjali huwa x-xogħol.

(9) Il-Kunsill Ewropew imsemmi, iktar minn hekk, qabel illi l-politiki sabiex tiġi miġġielda l-esklużjoni soċjali għandhom ikunu msejsa fuq metodu miftuħ ta' koordinament li jgħaqqad il-pjani nazzjonali ta' azzjoni u l-inizjattiva tal-Kummissjoni għall-kooperazzjoni.

(10) Din l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tikkonsisti fi proposta għal programm multiannwu ta' azzjoni ddisinjat sabiex jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri għandu jimmira li jtejjeb l-għerf, jiżviluppa l-iskambji tat-tagħrif u ta' l-aħjar prattiċi, u jevalwa l-effikaċja u l-effiċjenza talpolitiki għalbiex jikkumbatti l-esklużjoni.

(11) It-tfassil ta' sħarriġ u analiżi armonizzati, u l-istudju ta' indikaturi miftiehma kwalitattivament kif ukoll kwantitattivament, għandhom jipprovdu bażi għall-iżvilupp ta' metodu miftuħ ta' koordinament.

(12) Il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-faqar teħtieġ illi jiġu ffaċilitati l-parteċipazzjoni fix-xogħol ta' kwalità u l-aċċess għar-riżorsi, għad-drittijiet, għall-oġġetti u għas-servizzi kollha.

(13) Il-miżuri għalbiex jikkumbattu l-esklużjoni soċjali għandhom jimmiraw illi jgħinu lil kull wieħed u waħda jgħinu lilhom infushom, b'impjieg bi qligħ jew b'xorta oħra u li jintegraw fis-soċjetà.

(14) Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/436/KE (1) sabiex isaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri rigward il-politiki talprotezzjoni, jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-protezzjoni soċjali u jippromwovi l-integrazzjoni soċjali skond il-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew li saret f'Lisbona fit-23 u l-24 ta' Marzu 2000 u f'Feira fid-19 u l-20 ta' Ġunju 2000.

(15) Ħafna organizzazzjonijiet mhux governattivi f'livelli varji (lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej) għandhom l-esperjenza u l-kompetenza sabiex jiġġieldu kontra l-esklużjoni soċjali, kif ukoll għalbiex jaġixxu fil-livell Ewropew bħala d-difensuri tan-nies li jkunu esposti għallesklużjoni soċjali L-awtoritajiet lokali u reġjonali wkoll għandhom l-esperjenza u l-għerf f'dan il-qasam. L-organizzazzjonijiet mhux governattivi, is-sieħba soċjali u l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu għalhekk jagħmlu kontribuzzjoni importanti fil-livell Ewropew sabiex jiġu mifhuma l-għamliet u l-effetti diversi ta' l-esklużjoni soċjali u jiżguraw illi d-disinn u l-implimetazzjoni u s-segwiment tal-programm iqisu l-esperjenza tan-nies esposti għallesklużjoni soċjali.

(16) Il-miżuri meħtieġa sabiex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri sabiex jiġu eżerċitati l-poteri ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (2).

(17) Sabiex jiġi rrafforzat il-valur miżjud ta' l-azzjoni Komunitarja, huwa meħtieġ illi l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri, għandha tiżgura, fil-livelli kollha, il-koerenza u l-kumplimentarjetà ta' l-azzjonijiet implimentati fil-qafas ta' din id-Deċiżjoni u ta' l-istrumenti, il-politiki u l-azzjonijiet relevanti Komunitarji l-oħra kollha, b'mod partikolari dawk li jaqgħu taħt il-Fondi Strutturali.

(18) Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-esklużjoni soċjali minħabba t-tkabbir ġejjieni ta' l-Unjoni.

(19) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-Ftehim taż-ŻEE)) jipprovdi għal kooperazzjoni ikbar fil-qasam soċjali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn banda waħda, u l-pajjiżi ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (*EFTA*) li jipparteċipaw fiż-Żona Ekonomika Ewropea (il-pajjiżi *EFTA*/ŻEE), mill-banda l-oħra. Għandha ssir dispożizzjoni sabiex dan il-programm jiġi miftuħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi applikanti ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim Ewropej, fil-protokolli miżjuda magħhom, u ta' Ċipru, Malta u t-Turkija, iffinanzjati minn approprjazzjonijiet miżjuda skond il-proċeduri li jridu jiġu miftiehma ma' dawn il-pajjiżi.

(20) Fl-implimentazzjoni ta' dan il-programm, ix-xogħol imwettaq mill-organizzazzjonijiet l-oħra internazzjonali, b'mod partikolari n-Nazzjonijiet Uniti, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u l-Kunsill ta' l-Ewropa, ikunu ta' interess partikolari.

(1) ĠU L 172, tat-12.7.2000, p. 26.

(2) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

(21) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi, għat-tul taż-żmien intier tal-programm, qafas finanzjarju li jikkostitwixxi r-referiment ewlieni lejn l-awtorità ta' l-estimi finanzjarji matul il-proċedura annwali ta' l-estimi finanzjarji, fit-tifsira tal-punt 33 tal-Ftehim Inter-Istituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, dwar id-dixxiplina fl-estimi finanzjarji u t-titjib tal-proċedura ta' l-estimi finanzjarji ([1]). L-ammont tal-qafas finanzjarju propost fil-programm huwa kompatibbli mal-perspettiva finanzjarja korrenti.

(22) Is-sess huwa kwistjoni kruċjali u li jaqsam min-naħa għall-oħra li għandu impatt qawwi fuq l-effetti u l-kawżi ta' l-esklużjoni. Barra mnn hekk, bis-saħħa ta' Artikoli 2 u 3 tat-Trattat, l-eliminazzjoni ta' l-inugwaljanzi u l-promozzjoni ta' l-ugwalità, bejn l-irġiel u n-nisa, huma parti mill-kompitu kkonferit fuq il-Komunità, li għandu jidher bħala mira fl-attivitajiet kollha tagħha.

(23) Huwa essenzjali illi tiġi mmonitorjata u evalwata l-implimentazzjoni tal-programm sabiex jiġi żgurat illi jin-kisbu l-għanijiet tiegħu.

(24) Ġaladarba l-Istati Membri ma jistgħux jiksbu biżżejjed l-għanijiet ta' l-azzjoni proposta li tirrigwarda l-kontribuzzjoni Komunitarja sabiex tiġi kkumbattuta l-esklużjoni soċjali għal raġunijiet li jinkludu l-ħtieġa ta' sħubijiet multilaterali, l-iskambju transnazzjonali tat-tagħrif u t-tixrid fil-Komunità kollha tal-prattika t-tajba u, għalhekk, għar-raġuni ta' l-iskala u l-effetti tagħhom, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidarjetà kif iddikjarat f'Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif iddikjarat f'dan l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hemm minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet,

IDDEĊIDEW DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Il-mod kif jiġi stabbilit il-programm**

Għandu jiġi adottat programm ta' azzjoni Komunitarja illi jħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jikkumbattu l-esklużjoni soċjali, minn issa l quddiem imsejjaħ "il-programm", għall-perjodu taż-żmien mill-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Diċembru 2006.

*Artikolu 2*

**Il-Prinċipji**

1. Il-programm għandu jkun parti minn metodu miftuħ ta' koordinament bejn l-Istati Membri sabiex jagħti impuls deċisiv sabiex jiġu eliminati l-esklużjoni soċjali u l-faqar billi jistabbilixxi l-għanijiet appoprjati fil-livell Komunitarju u billi jiġu implimentati l-pjani nazzjonali ta' azzjoni.

2. Il-programm u l-pjani nazzjonali ta' azzjoni għandhom jikkontribwixxu sabiex l-esklużjoni soċjali tinftiehem aħjar, sabiex il-programm u l-pjani jitqiegħdu f'pożizzjoni dominanti fil-kumbattiment ta' l-esklużjoni fil-politiki u l-miżuri ta' l-Istati Membri u tal-Komunità, u sabiex jiġu żviluppati l-azzjonijiet ta' prijorità magħżula mill-Istati Membri skond is-sitwazzjoni partikolari tagħhom.

3. Meta jkunu qegħdin jiġu ddisinjati, implimentati u segwiti l-attivitajiet skond il-programm, għandha titqies l-esperjenza ta' l-Istati Membri fil-livelli kollha tan-nies esposti għall-esklużjoni soċjali u l-faqar, kif ukoll is-sieħba soċjali, l-organizzazzjonijiet governattivi u mhux governattivi, il-korpi li jipprovdu s-servizzi soċjali u l-atturi l-oħra involuti fil-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-faqar.

*Artikolu 3*

**L-Għanijiet**

Fil-kuntest tal-metodu miftuħ ta' koordinament rieerit f'Artikolu 2(1), il-programm għandu jappoġġja l-kooperazzjoni li tgħin lill-Komunità u lill-Istati Membri sabiex itejbu l-effikaċja u l-effiċjenza tal-politiki sabiex jikkumbattu l-esklużjoni soċjali billi:

(a) itejbu l-mod kif jiġu mifhuma l-esklużjoni soċjali u l-faqar bl-għajnuna b'mod partikolari ta' indikaturi paragunabbli;

(b) jorganizzaw l-iskambji dwar il-politiki li jiġu implimentati u li jippromwovu t-tagħlim reċiproku fost ħwejjeġ oħra fil-kuntest tal-pjani nazzjonali ta' azzjoni, bl-għajnuna b'mod partikolari ta' indikaturi paragunabbli;

(ċ) jiżviluppaw il-kapaċità ta' l-atturi li jindirizzaw effettivament l-esklużjoni soċjali u l-faqar u jippromwovu avviċinamenti innovattivi, b'mod partikolari permezz tan-*networking* fil-livell Ewropew, u billi jippromwovu d-djalogu ma' dawk kollha involuti fil-livell nazzjonali u reġjonali.

*Artikolu 4*

**L-azzjonijiet Komunitarji**

1. Bil-ħsieb li jinkisbu l-għanijiet dikjarati f'Artikolu 3, jistgħu jiġu implimentati l-azzjonijiet Komunitarji li ġejjin ġewwa qafas transnazzjonali:

(a) l-analiżi tal-karatteristiċi, il-kawżi, il-proċessi u x-xejriet fl-esklużjoni soċjali, inklużi l-ġbir ta' l-istatistika dwar l-għamliet varji ta' l-esklużjoni sabiex jipparagunaw din l-informazzjoni, l-istudju ta' l-indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi, l-iżvilupp ta' metodoloġiji u studji tematiċi komuni;

(b) l-iskambju tat-tagħrif u ta' l-aħjar prattiċi li jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' l-indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi, imsejsa fuq dawn l-għanijiet kif miftiehma mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, il-kriterji u l-marki tal-livelli ta' l-istima u l-monitorjar, l-evalwazzjoni, ir-reviżjoni ta' l-impar;

(ċ) il-promozzjoni tad-djalogu li jinvolvi l-atturi varji u l-appoġġ għan-*networks* relevanti fil-livell Ewropew bejn l-organizzazzjonijiet attivi fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet mhux gorvernattivi.

2. L-arranġamenti sabiex jiġu implimentati l-azzjonijiet Komunitarji deskritti fil-paragrafu 1 huma ddikjarati fl-Anness.

([1]) ĠU Ċ 172, tat-18.6.1999, p. 1.

*Artikolu 5*

**L-implimentazzjoni u l-kooperazzjoni ma' l-Istati Membri**

1. Il-Kummissjoni għandha:

(a) tiżgura l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet Komunitarji koperti bil-programm;

(b) ikollha skambju regolari tal-veduti mar-rappreżentanti ta' l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-imsieħba soċjali fil-livell Ewropew dwar id-disinn u l-implimentazzjoni u s-segwiment tal-programm u dwar l-orjentazzjonijiet politiċi li għandhom x'jaqsmu magħhom. Għal dan l-iskop, il-Kummissjoni għandha tagħmel it-tagħrif utli disponibbli lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u lill-imsieħba soċjali. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Kumitat stabbilit skond Artikolu 8 b'dawn il-veduti;

(ċ) tippromwovi s-sħubija attiva u d-djalogu bejn il-partijiet kollha involuti fil-programm sabiex tinkoraġġixxi avviċinament integrat u kkoordinat fil-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-faqar.

2. F'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tieħu l-passi meħtieġa sabiex:

(a) tippromwovi l-involviment fil-programm tal-partijiet kollha interessati;

(b) tiżgura t-tixrid tar-riżultati ta' l-azzjonijiet Komunitarji midħula għalihom ġewwa l-qafas tal-programm;

(ċ) tipprovdi t-tagħrif approprjat, il-pubbliċità u s-segwiment rigward l-azzjonijiet Komunitarji appoġġjati mill-programm.

*Artikolu 6*

**Il-Finanzjament**

1. Il-qafas finanzjarju sabiex jiġi implimentat il-programm għall-perjodu taż-żmien referit f'Artikolu 1 huwa hawnhekk iffissat għal EUR 75 miljun, inkluża n-nefqa teknika u amministrattiva.

2. L-approprjazzjonijiet ta' kull sena, inklużi dawk li għandhom x'jaqsamu mar-riżorsi umani, għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità ta' l-estimi finanzjarji fil-limiti tal-perspettiva finanzjarja.

*Artikolu 7*

**Il-miżuri ta' l-implimentazzjoni**

1. Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni li għandhom x'jaqsmu mal-kwistjonijiet li għalihom issir referenza hawn taħt għandhom jiġu adottati skond il-proċedura maniġerjali referita f'Artikolu 8(2):

(a) l-implimentazzjoni annwali ta' l-azzjonijiet tal-programm Komunitarju u tal-pjan annwali tax-xogħol;

(b) it-tqassim wieħed wieħed tal-fondi bejn il-linji differenti ta' l-iżvilupp tal-programm;

(ċ) l-arranġamenti għall-għażla ta' l-attivitajiet u l-organizzazzjonijiet għall-appoġġ Komunitarju;

(d) il-kriterji għall-evalwazzjoni tal-programm, inklużi dawk li għandhom x'jaqsmu ma' l-effikaċja skond l-ispiża, u l-arranġamenti sabiex ixerrdu u jittrasferixxu r-riżultati.

2. Il-miżuri meħtieġa sabiex jimplimentaw din id-Deċiżjoni li għandhom x'jaqsmu mal-materji l-oħra kollha għandhom jiġu adottati skond il-proċedura tal-konsultazzjoni referita f'Artikolu 8(3).

*Artikolu 8*

**Il-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna minn Kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kunsiderati d-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu taż-żmien stabbilit f'Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal xahrejn.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kunsiderati d-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 8 tagħha.

4. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

*Artikolu 9*

**Il-kooperazzjoni ma' kumitati oħra u r-rabtiet mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali**

1. Sabiex tiżgura l-konsistenza u l-kumplimentarjetà ta' dan il-programm mal-miżuri l-oħra referiti f'Artikolu 10, il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Kumitat imgħarraf regolarment dwar l-azzjonijiet Komunitarji l-oħra li jikkontribwixxu sabiex jikkumbattu l-esklużjoni soċjali. Meta approprjat, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kooperazzjoni regolari u strutturata bejn dan il-Kumitat u l-kumitati tal-monitorjar stabbiliti għall-politiki, l-istrumenti u l-azzjonijiet l-oħra relevanti.

2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-rabtiet meħtieġa mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali ġewwa l-qafas ta' l-azzjonijiet Komunitarji referiti f'din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 10*

**Il-konsistenza u l-kumplimentarjetà**

1. F'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri, il-Kumissjoni għandha tiżgura l-konsistenza ġenerali mal-politiki, l-istrumenti u l-azzjonijiet kollha relevanti Kommunitarji, b'mod partikolari billi tistabbilixxi l-mekkaniżmi approprjati sabiex tikkoordina dan il-programm ma' l-attivitajiet relevanti li għandhom x'jaqsmu mal-politiki ekonomiċi, industrijali u ta' impriża, in-nuqqas ta' diskriminazzjoni, l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-politika rigward iż-żgħażagħ, is-saħħa u l-qasam tat-tkabbir u tar-relazzjonijiet barranin tal-Komunità.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz possibbli sabiex jiżguraw il-konsistenza u l-kumplimentarjetà bejn l-attivitajiet skond dan il-programm u dawk imwettqa fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali.

3. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-konsistenza u l-kumplimentarjetà bejn l-azzjonijiet midħula għalihom skond dan il-programm u l-azzjonijiet midħula għalihom fil-qasam tax-xogħol u wkoll ma' l-azzjonijiet Komunitarji taħt il-fondi strutturali, b'mod partikolari l-inizjattiva EQUAL tal-Komunità.

*Artikolu 11*

**Il-parteċipazzjoni tal-pajjiżi ta' l-EFTA/ŻEE, il-pajjiżi assoċjati ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, Ċipru, Malta u t-Turkija**

Dan il-programm għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta':

— il-pajjiżi ta' l-EFTA/ŻEE skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim taż-ŻEE;

— il-pajjiżi assoċjati ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim Ewropej, fil-protokolli miżjuda magħhom u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsilli ta' Assoċjazzjoni tagħhom;

— Ċipru, Malta u t-Turkija, mogħtija l-fondi mill-approprjazzjonijiet addizzjonali skond il-proċeduri li jridu jiġu miftiehma ma' kull pajjiż.

*Artikolu 12*

**Is-sorveljanza u l-evalwazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja dan il-pogramm f'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri skond il-proċedura referita f'Artikolu 8(2).

2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar il-konsistenza ġenerali tal-politiki ta' koeżjoni soċjali inkluż il-progress miksub skond dan il-progrmm fir-rapport sommarju tagħha lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa, li dwaru l-Parlament Ewropew għandu jesprimi l-veduti tiegħu fiż-żmien dovut.

3. Il-programm għandu jiġi evalwat mill-Kummissjoni fit-tmiem tat-tielet sena u fl-aħħar tal-programm bl-għajnuna ta' esperti indipendenti. Din l-evalwazzjoni għandha tagħmel stima tar-relevanza, l-effikaċja, u l-effikaċja skond l-ispiża ta' l-attivitajiet rigward l-għanijiet referiti f'Artikolu 3. Il-Kummissjoni għandha teżamina wkoll l-impatt tal-programm kollu f'daqqa. L-evalwazzjoni għandha teżamina wkoll il-kumplimentarjetà bejn l-azzjonijiet skond il-programm u dawk segwiti skond il-politiki, l-istrumenti u l-azzjonijiet Komunitarji l-oħra relevanti.

4. Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-progamm sal-31 ta' Diċembru 2006.

*Artikolu 13*

**Id-dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.*

Magħmula fi Brussel, fis-7 ta' Diċembru 2001.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| N. FONTAINE | I. DURANT |

*ANNESS*

## L-INDIKAZZJONIET GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM

### 1. Il-linji ta’ l-iżvilupp

Bil-ħsieb illi jinkisbu l-għanijiet dikjarati f’Artikolu 3 u li jiġu implimentati l-azzjonijiet Komunitarji dikjarati f’Artikolu 4, il-miżuri li ġejjin jistgħu jiġu implimentati fi ħdan qafas transnazzjonali:

*Il-linja 1* ta’ żvilupp: L-analiżi tal-karatteristiċi, il-proċessi, il-kawżi u x-xejriet fl-esklużjoni soċjali

Sabiex jittejjeb il-mod kif jiġi mifhum il-fenomenu ta’ l-esklużjoni soċjali, jistgħu jiġu appoġġjati l-miżuri li ġejjin:

1.1. studji u laqgħat dwar l-iżvilupp ta’ metodoloġiji komuni sabiex iqisu u jifhmu l-esklużjoni soċjali u l-faqar, il-kobor, il-karatteristiċi, il-proċessi, il-kawżi u x-xejriet tagħhom, u dwar xogħol tekniku rigward l-indikaturi;

1.2. il-ġabra, fil-livell ta’ l-Istati Membri u tal-Komunità, u t-tixrid ta’ l-istatistika dwar it-tipi varji ta’ l-esklużjoni soċjali bl-għan li din l-informazzjoni titqabbel b’mod effettiv. Din il-miżura għandha tappoġġja l-kooperazzjoni bejn l-uffiċċji nazzjonali ta’ l-istatistika u l-Kummissjoni u ttejjeb is-sorsi statistiċi tar-referenza fil-livell Komunitarju u l-kontribuzzjoni tagħhom rigward l-analiżi ta’ l-eklużjoni soċjali u l-faqar;

1.3. il-promozzjoni ta’ avviċinamenti innovattivi, l-iżvilupp ta’ studji tematiċi sabiex jikkontribwixxu għall-mod kif tiġi mifhuma l-esklużjoni soċjali, sabiex jindirizzaw il-kwistjonijiet komuni rigward l-iżvilupp tal-politiki fl-Istati Membri, inklużi l-kwistjonijiet emerġenti fejn għandha x’taqsam is-soċjetà msejsa fuq l-għerf.

Huwa importanti illi tiġi riflessa l-esperjenza msejsa fuq il-persuni ffaċċjati bl-esklużjoni soċjali u l-faqar u li jsir użu mis-sorsi tat-tagħrif relevanti kollha dwar l-esklużjoni soċjali u l-faqar, inklużi dawk li jiġu minn organizzazzjonijiet mhux governattivi.

Meta jiġu analizzati l-esklużjoni soċjali u l-faqar, għandha tingħata attenzjoni speċjali lid-dimensjonijiet multipliċi u lis-sitwazzjonijiet diversi tal-gruppi soċjali interessati, inkluż il-faqar tat-tfal, u taż-żoni ġeografiċi li huma esposti għar-riskji ta’ l-esklużjoni soċjali.

*Il-linja 2 ta’ żvilupp: Il-politika tal-kooperazzjoni u ta’ l-iskambju tat-tagħrif u ta’ l-aħjar prattiċi*

Sabiex titmexxa ’l quddiem il-politika tal-kooperazzjoni u tat-tagħlim reċiproku fil-kuntest tal-pjani nazzjonali ta’ azzjoni, jistgħu jiġu appoġġjati l-miżuri transnazzjonali li ġejjin:

2.1. l-iskambji transnazzjonali mmirati sabiex jittrasferixxu t-tagħrif u l-prattiċi t-tajba u sabiex jinkoraġġixxu r-reviżjoni ta’ l-impar permezz ta’ laqgħa/laqgħat tax-xogħol/seminarji dwar *benchmarks* jew dwar politiki u prattiċi bħalma huma l-istrateġiji ta’ l-iżvilupp u t-tixrid komuni tat-tagħrif, il-viżti fuq il-post u l-iskambji tal-personal eċċ., organizzati fuq l-inizjattiva jew ta’ l-Istati Membri u/jew ta’ l-atturi oħra priniċipali bl-involviment attiv ta’ l-Istati Membri jew ta’ l-organizzazzjonijiet Ewropej. F’din il-linja ta’ żvilupp jistgħu jiġu appoġġjati wkoll skambji transnazzjonali bejn l-osservatorji nazzjonali jew korpi simili rikonoxxuti;

2.2. ix-xogħol espert u l-istudji tekniċi fejn jidħol l-iżvilupp ta’ l-indikaturi u l-għoti tal-marki lill-*benchmarks*, inkluż fejn għandha x’taqsam is-soċjetà msejsa fuq l-għerf;

2.3. rapport ta’ kull sena dwar l-esklużjoni soċjali, li jrid jippreżenta l-istat tax-xogħol fuq l-azzjonijiet kondotti, b’mod speċjali l-pjani nazzjonali ta’ azzjoni, dwar il-politiki u l-oqsma prinċipali fejn tkun fir-riskju l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali.

Filwaqt li jinżamm fil-moħħ illi l-esklużjoni soċjali hija fenomenu multi-dimensjonali, għandha tingħata attenzjoni lill-iżviluppi relevanti tal-politiki dwar il-protezzjoni soċjali, ix-xogħol, l-edukazzjoni u t-taħriġ, is-saħħa u d-djar.

*Il-linja 3 ta’ żvilupp: Il-parteċipazzjoni ta’ l-atturi varji u l-appoġġ għan-networking* fil-livell Ewropew

Sabiex jitmexxa ’l quddiem id-djalogu ma’ l-operaturi interessati, jistgħu jiġu appoġġjati l-miżuri li ġejjin:

3.1. il-provvediment ta’ fondi tal-qalba għan-*networks* l-iktar importanti Ewropej involuti fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali; il-provvediment tal-fondi tal-qalba jkun bla ħsara għal-limitu l-iktar għoli ta’ 90 % tan-nefqa eliġibbli għall-appoġġ. Dan il-limitu jista’ jintlaħaq biss f’ċirkostanzi eċċezzjonali;

3.2. Konferenza annwali *Round Table* ta’ l-Unjoni Ewropea dwar l-esklużjoni soċjali. Il-konferenza għandha issir f’kollaborazzjoni mill-qrib mal-Presidenza tal-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropea u mħejjija għaliha bil-konsultazzjoni ta’ l-atturi kollha interessati, fost oħrajn is-sieħba soċjali, ir-rappreżentati ta’ l-organizzazzjonijiet mhux governattivi b’esperjenza fil-qasam, u r-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u tal-Kumitat tar-Reġjuni.

2. **L-aċċess għall-programm**

Skond il-kondizzjonijiet u l-arranġamenti dwar l-implimentazzjoni speċifikati f'dan l-Anness, l-aċċess għal dan il-programm għandu jkun miftuħ għall-korpi kollha pubbliċi u/jew privati, għall-atturi u għall-istituzzjonijiet involuti fil-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali, b'mod partikolari:

(a) l-Istati Membri;

(b) l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

(ċ) il-korpi responsabbli li jikkumbattu l-esklużjoni soċjali;

(d) is-sieħba soċjali;

(e) il-korpi li jipprovdu s-servizzi soċjali;

(f) l-organizzazzjonijiet mhux governattivi;

(ġ) l-universitajiet u l-istituzzjonijiet tar-riċerka;

(ħ) l-uffiċċji nazzjonali ta' l-istatistika;

(i) il-medja tal-komunikazzjoni.

3. **Konsiderazzjonijiet ġenerali**

Il-programm għandu jqis ir-riżultati ta' l-azzjonijiet u l-attivitajiet preliminarji taħt il-politiki, l-istrumenti u l-azzjonijiet l-oħra relevanti Komunitarji.

Meta jiġu ddisinjati, implimentati, segwiti u evalwati l-azzjonijiet skond dan il-programm, għandha titqies l-esperjenza tan-nies esposti għall-faqar u l-esklużjoni soċjali, kif ukoll tas-sieħba soċjali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-korpi l-oħra involuti fil-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-faqar. Fl-attivitajiet kollha tiegħu, il-programm għandu jirrispetta l-prinċipju *ta' gender mainstreaming*.

4. **Il-metodu kif jiġu preżentati l-applikazzjonijiet għall-appoġġ**

*Il-Linja 1 ta' ' żvilupp:* Il-miżuri koperti b'din il-linja ta' żvilupp għandhom jiġu implimentati prinċipalment permezz ta' sejħa għall-offerti. Għall-kooperazzjoni ma' l-uffiċċji nazzjonali ta' l-istatistika, għandhom japplikaw il-proċeduri ta' l-*Eurostat*.

*Il-Linja 2 ta' ' żvilupp:* Il-miżuri koperti bil-linja 2 ta' żvilupp għandhom jiġu implimentati prinċipalment bi tweġiba għal sejħiet annwali għall-proposti (uħud mil-laqgħat/seminarji jistgħu jiġu organizzati direttament mill-Kummissjoni). Il-proposti jkollhom jinvolvu l-korpi, l-atturi u l-istituzzjonijiet minn mill-inqas tliet Stati Membri u jistgħu jiġu ssottomessi lill-Kummissjoni mill-Istati Membri u/jew mill-atturi l-oħra l-iktar importanti bl-involviment attiv ta' l-Istati Membri, jew mill-organizzazzjonijiet Ewropej. Il-linji 2.2 u 2.3 ta' żvilupp jeħtieġu sejħiet speċifiċi għall-offerti.

*Il-Linja 3 ta' ' żvilupp:* Taħt il-linja 3.1 ta' żvilupp jista' jiġi pprovdut appoġġ lin-*networks* Ewropej li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti mill-Kummissjoni skond il-proċedura referita f'Artikolu 8(2). Il-linja 3.2 ta' żvilupp tista' tiġi appoġġjata bi tweġiba għat-talbiet għal sussidji mill-Istati Membri.

5. **It-twettiq ta' l-attivitajiet**

L-attivitajiet li jridu jittieħdu jistgħu jiġu ffinanzjati mis-servizz ta' l-appalti wara sejħiet għall-offerti jew mis-sussidji għal finanzjament konġunt ma' sorsi oħra. Fil-każ ta' l-aħħar, il-livell ta' l-assistenza finanzjarja mill-Kummissjoni ma jistax, bħala regola ġenerali, jaqbeż it-80 % tan-nefqa attwalment miġrura mir-riċevitur.

Fit-twettiq tal-programm, il-Kummssjoni tista' teħtieġ riżorsi addizzjonali, inkluż ir-rikors għall-esperti. Dawn il-ħtiġijiet għandhom jiġu deċiżi fil-kuntest ta' l-istima ma taqta' xejn tal-Kummissjoni dwar l-allokazzjoni tar-riżorsi.

Fl-implimentazzjoni tal-programm, Il-Kummissjoni tista' tagħmel użu mill-assistenza teknika u/jew amministrattiva (id-definizzjoni, it-tħejjija, il-ġestjoni, il-monitorjar, il-verifika u l-kontroll), fl-interess reċiproku tal-Kummissjoni u tar-riċevituri.

Il-Kummissjoni tista' wkoll tidħol għall-attivitajiet ta' tagħrif, pubblikazzjoni u tixrid. Tista' wkoll tidħol għall-istudji ta' l-evalwazzjoni u torganizza seminarji, kumitati tax-xogħol jew laqgħat ta' l-esperti.

L-attivitajiet midħula għalihom għandhom jirrispettaw fl-intier tagħhom il-prinċipji tal-protezzjoni ta' l-informazzjoni.